MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 56

31 ta' Mejju 2016

Minuti tat-Tieni Parti tas-seduta Nru. 56 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 31 ta' Mejju 2016 fis-7.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

Dan l-*item* ġie trattat fl-ewwel parti tas-seduta.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

Dan l-*item* ġie trattat fl-ewwel parti tas-seduta.

## 3.0. Tqegħid ta'Karti

Ma tqiegħdu ebda karti fit-tieni parti tas-seduta.

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet f'Misraħ tas-Salib (F/2/Vol VI)

4.1.2. Saret referenza għal imejl datat 11 ta' April 2016 mibgħut mis-Sur Daniel Ferriggi, fejn staqsa lill-Kunsill dwar jekk għandux l-intenzjoni li joħroġ permess għat-tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet f'Misraħ tas-Salib fil-festa tal-Vitorja fit-8 ta' Settembru 2016.

4.1.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li f'dak li jinvolvi stabbilimenti distakkati miċ-ċentru tal-festa, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni l-fatturi ta' inkonvenjenzi li jiġu kkawżati lir-residenti bid-daqq ta' mużika amplifikata, tisjir fil-beraħ u l-effett fuq stabbilimenti oħra fl-istess żona. Għaldaqstant, kien hemm qbil li t-talbiet jiġu kkunsidrati sakemm jintlaħqu l-kriterji li ġejjin:

- Il-permess ikun bejn is-1.00pm u l-5.00pm

- Ma tiġix ikkawżata konġestjoni tat-traffiku, ingombru lir-residenti, jew stabbilimenti kummerċjali fil-madwar;
- Issir dikjarazzjoni mill-ġirien li ma jsibux oġġezzjoni għal din it-tip ta' attività;
- L-applikazzjoni formali trid tiġi sottomessa mill-inqas 30 jum qabel;
- Tinkiseb il-fehma tal-Pulizija tad-Distrett; u
- Kull fattur ieħor rilevanti, skont il-każ.

4.1.4. Fir-rigward ta' din it-talba partikulari, il-Kunsill qal li d-dikjrazzjoni trid tiġi ffirmata mir-residenti kollha ta' madwar il-misraħ.

**4.2.1. Kunċert annwali mill-Għaqda tan-Nar Maria Bambina (S/6/Vol VI)**

4.2.2. Saret referenza għal imejl datat 30 ta' Mejju 2016, mibgħut mill-għaqda msemmija, fejn appellaw lill-Kunsill jikkontribwixxi għall-kunċert annwali li sar fl-2015, kif ukoll għall-edizzjoni 2016.

4.2.3. Is-Segretarju aċċenna għall-fatt li l-Kunsill ma kienx ikkontribwixxa għal din l-attività, peress li t-talba kienet saret wara l-attività, f'Ottubru 2015.

4.2.4. Il-Kunsill laqa' l-appell li sar u talab li jsiru kuntatti sabiex jiġi stabbilit il-mod kif jista' ikun hemm koperazzjoni fir-rigward taż-żewġ edizzjonijiet imsemmija.

**4.3.1. Attività soċjali f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (A/6/3/2/Vol 58)**

4.3.2. Is-Sindku rrefera għal imejl datat 31 ta' Mejju 2016, li ntbagħat mill-Maritim Hotel Antonin & Spa, fejn intalab l-użu tal-misraħ imsemmi fit-3 ta' Ġunju 2016. Dan kemm-il darba ma jkunx jista' isir użu mill-bejt tal-istess lukanda, minħabba x-xogħlijiet ta' rinovar li għaddejjin fl-istess lukanda.

4.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-ewwel preferenza għandha tkun l-użu tal-pont ta' Triq Adenau, iżda fil-każ li dan ma jkunx possibbli, jista' jiġi konċess il-misraħ sakemm ma jsirx tisjir fil-beraħ u ma tintużax għamara bħal imwejjed u siġġijiet.

**4.4.1. Noah's Ark Animal Sanctuary (A/9)**

4.4.2. Is-Sindku rrefera għal imejl datat 20 ta' Mejju 2016, mibgħut minn Noah's Ark Animal Sanctuary, fejn appellaw lill-Kunsill sabiex jgħin lil din l-organizzazzjoni tkompli tagħti s-servizz tagħha favur il-ħarsien tal-annimali.

4.4.3. Il-Kunsill qabel li għandu jikkontribwixxi għas-servizz siewi li qed jingħata minn din l-organizzazzjoni, sakemm l-involviment finanzjarju tiegħu ma jaqbisx €300.

**5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Materjal**

5.2. Dan l-*item* ġie trattat fl-ewwel parti tas-seduta.

**6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta m Servizzi u Materjal**

6.2. Dan l-*item* ġie trattat fl-ewwel parti tas-seduta.

**7.1. Ftehim dwar il-Batterija ta' Westreme (Mużew tat-Tunnara) (P/4/4/Vol III)**

7.2. Dan is-suġġett tħalla għad-diskussjoni fis-seduta li jmiss, peress li l-laqgħa mal-Art Club 2000 seħħitx. Il-Kunsill iffissa appuntament ieħor għall-14 ta' Ġunju 2014 fis-6.30pm.

**8.1. Introduzzjoni ta' *speed humps* fi Triq Għajn Żejtuna (T/3/2/Vol XII)**

8.2. Dan l-*item* ġie trattat fl-ewwel parti tas-seduta.

**9.1. Rendikont Finanzjarju – Jannar / Marzu 2016 (F/1/1/Vol II)**

9.2. Is-Segretarju aċċenna għar-rapport li tqassam qabel is-seduta. Huwa spjega li d-dħul tal-Kunsill bejn Jannar u Marzu 2016 kien iktar mill-estimi b'€16,298. Minn naħa l-oħra l-infieq kien iktar

mill-estimi b'€174,251, meta jittieħdu in konsiderazzjoni spejjeż fuq servizzi u proġetti mwettqa matul il-perjodu kopert bir-rapport. Kompla jgħid li meta jittieħed id-dħul kontra l-infieq, kif ukoll il-fondi diġa kommessi fl-istess perjodu, kien jifdal bilanċ negattiv ta' €245,223.

9.3. Is-Sur C. Debono qal li l-ispiża fuq *Road Resurfacing* matul l-ewwel kwart tas-sena kienet tikkonsisti prinċipalment fil-ħlas tar-raba' pagament fuq Ramlet il-Qortin (€27,597.89). Il-Kunsill għandu wkoll fondi kommessi fuq *Road Resurfacing,* li sar in parti fil-perjodu kopert bir-rapport, li jlaħħqu €178,595.90 fuq xogħol li qed jitwettaq fiż-żona tas-Sellum, flimkien mal-bilanċ li fadal fuq Triq Ramlet il-Qortin.

9.4. Wara aktar diskussjoni, ir-rendikont finanzjarju ġie approvat u għalhekk is-Segretarju ntalab sabiex jippubblikaħ fis-sit elettroniku tal-Kunsill.

9.5. Il-Kunsill qabel ukoll li possibilment ir-rendikont tat-tliet xhur għandu jingħata qabel jiskadi fl-ewwel xahar wara li jkun għalaq.

## 10.1. Akkwist ta' materjal promozzjonali għall-Kunsill (P/4/5/Vol III)

10.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo wera numru ta' kampjuni li kienu jvarjaw minn *coasters*, bnadar, minjaturi tat-Torri ta' Selmun u dak tat-Torri l-Aħmar, *stationery*, xeni fil-Mellieħa li jeħlu bil-kalamita, basktijiet tad-drapp, *pen drives*, u *lanyards*. Huwa qal li dawn ġew iddisinjati apposta minn Ms Alexia Baldacchino.

10.3. Il-Kunsill approva l-kampjuni murija, iżda kien tal-fehma li l-għażla finali għandha ssir meta jkun hemm il-prezzijiet ta' kull *item*.

## 11.1. Manutenzjoni ta' toroq wżati mill-bdiewa (H/1/2)

11.2. Is-Sindku qal li nħasset il-ħtieġa li jitfasslu kriterji li fuqhom għandhom jiġu kkunsidrati talbiet dwar titjib ta' toroq rurali wżati mill-bdiewa. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li b'konsultazzjoni mas-Segretarju, huwa ppropona l-kriterji li ġejjin:

(a) It-triq jeħtieġ li tkun tidher fuq il-pjanti uffiċjali kif aġġornati minn żmien għal żmien mill-Mapping Unit tal-Awtorità tal-Ippjanar;

(b) Triq li tkun imbarrata b'xatba titqies bħala waħda privata u għalhekk ma tkunx eliġibbli għal ebda titjib minn fondi tal-Kunsill;

(c) Fejn jirriżulta li triq tingħalaq b'xatba wara li tkun ġiet imtejba permezz ta' fondi tal-Kunsill, talbiet oħra mill-istess individwu ma jiġux ikkonsidrati;

(d) Fejn triq tkun tagħlaq, tista' tingħata sa massimu ta' 11.5 metri kubi (15-il jarda kubi) konkos;

(e) Persuna/i ma jistgħux jibbenefikaw aktar minn darba waħda f'sena partikulari, anke f'każ li t-talba tkun tinvolvi triq differenti;

(f) Fejn huwa possibbli għandha tintuża t-torba, bil-għan li l-użu tal-konkos jiġi limitat u b'hekk anke jkun skoraġġit aċċess għall-pubbliku bil-vetturi f'toroq rurali;

(g) Ix-xogħol li jsir fuq triq li tkun diġa asfaltata jew bil-konkos, ikun ta' traqqiegħ;

(h) Talbiet li ma jaqgħux f'dawn il-kriterji għandhom jiġu kkunsidrati fuq il-merti tagħhom mill-Kunsill;

(i) Għandha tinżamm *database* tat-talbiet li jsiru skont l-ordni li jidħlu, li jkunu jinkludi dettalji bħal isem ta' min ikun għamel it-talba, id-data tat-talba, l-ammont ta' materjal li jkun intuża u x-xogħol involut;

(j) It-talbiet għandhom isiru bil-kitba u jkunu akkumpanjati bi pjanta u jiġu pproċessati f'perjodu massimu ta' erba' xhur, sakemm ma jkunx hemm fatturi li jiddettaw mod ieħor, eż: nuqqas ta' ħaddiema, eżawriment tal-fondi allokati mill-Kunsill fl-Estimi eċċ;

(k) Il-vot fl-Estimi allokat għal dan l-iskop huwa 2311(12) – *Farm Roads*;

(l) Deċiżjoni dwar triq partikulari, jekk għandhiex tiġi mtejba jew le, fejn ikun hemm fehmiet differenti fost il-persuni li jużawha, għandha tittieħed fid-diskrezzjoni tal-Kunsill wara konsiderazzjoni tal-fatturi kollha relevanti;

11.3. Il-Kunsill qabel li l-kriterji kollha msemmija fil-minuta preċedenti għandhom jiġu addottati.

**12.1. Ħaddiema mpjegati mal-*Community Workers Foundation* (E/3/6/Vol II)**

12.2. Is-Sindku qal li attwalment, il-Kunsill għandu assenjati miegħu erba' ħaddiema taħt dik li qabel kienet il-*Community Work Scheme* mħaddma mill-Korporazzjoni dwar l-Impjiegi u Taħriġ. B'effett mill-1 ta' Marzu 2016, dawn il-ħaddiema ġew impjegati fuq bażi *full-time* mill-*Community Workers Foundation* u bdew jaħdmu 40 siegħa fuq ġimgħa ta' ħames jew sitt ijiem, bir-rimunerazzjoni tagħhom titħallas mill-istess fondazzjoni. Min-naħa l-oħra, il-Kunsill jista' jħallas *performance bonus* sa 5% kull sena mill-fondi tiegħu u s-sahra li tista' tkun meħtieġa. L-istess ħaddiema ngħataw ukoll 24 ġurnata *vacation leave* u l-*leave* f'każ ta' mard.

12.3. Is-Sur J. Buttigieg kompla jispjega li d-doveri ta' dawn il-ħaddiema ser jiżdiedu u għalhekk jagħmel sens jekk il-Kunsill, appart dak li huwa lbies u attrezzi marbuta mas-saħħa u s-sigurtà, għandu jinvesti f'dawk li huma għodod tal-idejn, *power tools*, flimkien ma' ġeneratur tal-elettriku.

12.4. Il-Kunsill innota l-iżviluppi msemmija fil-minuta 16.1., kif ukoll approva x-xiri ta' aktar għodod sabiex jintużaw mill-ħaddiema tas-*CWF*.

**13.1. Introduzzjoni ta' dwal ornamentali fi Triq il-Parroċċa, Mellieħa (P/4/3/Vol IV)**

13.2. Sindku rrefera għas-sejħa għall-offerti Nru. 7/2016 li għalqet fit-23 ta' Mejju 2016. Huwa spjega li rrisponda għaliha offerent wieħed – Mica Med Ltd - li ssottometta żewġ offerti separati – waħda bil-lampi tat-tip SON u l-oħra tat-tip LED, li l-valur tagħhom ġie kkwotat €24,416.70 u €26,516.70, rispettvament. Il-prezz totali kkwotat jinkludi l-bdil tal-*isolator*, iżda ma jinkludiex it-tneħħija tal-lampi eżistenti.

13.3. Is-seduta ġiet sospiża għal ftit tal-ħin sabiex l-Inġinier Mario Galea, minn Galea Curmi Engineering Consultants, jippreżenta r-rapport tekniku, li kopja tiegħu ġiet mgħoddija lill-membri kollha tal-Kunsill qabel is-seduta. Kien preżenti wkoll l-offerent is-Sur James Agius, minn Mica Med Ltd. Is-Sur Galea spjega li l-dokument tal-offerta kien jitlob li l-lampi jkunu tat-tip SON, iżda l-offerent dehrlu li għandu jissottometti oħra bl-istess *fittings* tal-fanali armat bil-lampi LED, li d-differenza fil-prezz bejniethom hija ta' €100 kull lampa.

13.4. L-Ing. Galea kkummenta li f'ċirkostanzi normali, lampi LED għandhom ħajja ta' madwar 50,000 siegħa b'*wattage* ta' 55 watt, filwaqt li s-SON jservi madwar 9,500 siegħa b'*wattage* ta' 70 watt. Kompla jispjega li l-valur tal-komponenti kollha fir-rigward tas-sistema LED huma kif ġej:

| | |
|---|---|
| Lampa LED | €400 |
| *Driver* | €250 |
| *Diffuser* | €100 |

Fil-każ tas-sistema SON, il-prezzijiet tal-komponenti kollha ikkwotati, huma kif ġej:

| | |
|---|---|
| Lampa SON | €20 |
| *Control Gear* | €150 |
| *Diffuser* | €100 |

13.5. Dwar il-*brackets* tal-fanali, l-inġinier spjega l-manifattur tal-prodott ikkwotat għandu tliet daqsijiet, ossija: 0.38m; 0.71m; u 0.87m. Is-Sur Galea qal li wieħed irid joqgħod attent kemm il-fanali ser jaqilgħu ‘l barra sabiex ma jintlaqtux bil-vetturi l-kbar.

13.6. Meta tkompliet is-seduta, il-Kunsill iddeċieda li l-lampi għandhom ikunu tat-tip SON, skont kif mitlub fid-dokument tal-offerta. Dan anke minħabba li l-intensità tad-dawl tkun anqas meta mqabbla mal-LED. Ittieħed in konsiderazzjoni wkoll l-fattur tal-prezz f’dawk li huma komponenti li jridu jinbidlu maż-żmien.

13.7. Il-Kunsill iddeċieda wkoll li t-tul tal-*bracket* għandu jkun ta’ 0.70m (mudell BS70).

**14.1. Proposta sabiex isiru lampi ornamentali fit-taraġ ta’ Triq Adenau (E/1/3/Vol VI)**

14.2. Is-Sindku għarraf li l-operatur tal-Maritim ser jibdlu l-fanali eżistenti li hemm fuq il-pont ta’ Triq Adenau, kif ukoll ser jiżbgħu l-puġġaman li hemm matul l-istess pont. Il-kuluri magħżula ser ikunu l-kannella għall-puġġaman u l-abjad għall-ħadid, fuq l-istess skala tal-faċċata tal-lukanda.

14.3. Il-Kunsill innota u approva din l-inizjattiva.

**15.1. Periklu fi Triq Santa Marija (T/3/2/Vol XII)**

15.2. Is-Sindku rrefera għal inċident li ġara fit-30 ta’ Mejju 2016, fejn vettura baqgħet dieħla ġo faċċata ta’ binja li tinsab fi Triq Santa Marija, kantuniera ma’ Triq il-Kappillan Magri. Il-proprjetarju qed jallega li dan l-inċident seta’ ġie evitat li kieku ma kienx hemm vettura pparkjata faċċata, peress li Triq Santa Marija hija dejqa.

15.3. Il-Kunsillier E. Bartolo fakkar li xi żmien ilu kienet ġiet imneħħija *parking bay* waħda għall-istess raġuni. Huwa qal ukoll li biex jiġi żgurat li vetturi ma jitilgħux il-bankina u jaħbtu mal-bini, trid issir *crash barrier* ‘l isfel mill-bankina fi Triq Santa Marija mill-kantuniera ma’ Triq il-Kappillan Magri sal-bieb tal-ewwel binja.

15.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-introduzzjoni ta’ *speed hump* tikkawża nkonvenjent għar-residenti u għalhekk jibqa’ żewġ miżuri li jistgħu jittieħdu, dik li titneħħa *parking bay* oħra u/jew li ssir *crash barrier*, kif indikat fil-minuta 19.3. Kien hemm qbil li dawn il-miżuri għandhom jiġu diskussi mal-persuna li għamel l-ilment.

**16.1. Ħarġa kulturali (A/5/5/Vol VII)**

16.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li kien hemm konkorrenza qawwija għaż-żjara li saret għal Sant’Anġlu fil-Birgu fil-25 ta’ Mejju 2016. Hija ppproponiet li ssir oħra fil-14 ta’ Ġunju 2016.

16.3. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa.

**17.1. Attività fl-okkażjoni tal-Jum il-Missier (A/5/3/Vol VIII)**

17.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li ssir attività fl-okkażjoni ta’ Jum il-Missier f’Dar il-Madonna tal-Mellieħa fid-19 ta’ Ġunju 2016. Ġie propost li l-attività tkun animata mill-kantanta Corazon Mizzi. Hija qalet li dan is-servizz jinvolvi spiża ta’ €236 li tinkludi l-audio.

17.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**18.1. Attività sportivi fuq bażi reġjonali (S/4/2/Vol IV)**

18.2. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf li fil-25 ta’ Mejju 2016 huwa attenda laqgħa msejħa mill-Kumitat Reġjonali li għaliha kienu mistednin jattendu l-kunsillieri responsabbli mill-isports fi ħdan il-Kunsilli membri. Fl-istess laqgħa kien hemm sitt Kunsilli rappreżentati, fejn ġiet diskussa l-ideja li jsir sports kompetittiv fuq bażi ta’ timijiet abbinat mal-baħar, f’dak li huwa sajd, beachsoccer, jew logħob għal kulħadd li jsir f’xi pixxina li tinsab fir-Reġjun tat-Tramuntana.

18.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**19.1. Trasport għall-anzjani li jattendu ċ-Ċentru ta’ Matul il-Jum (A/1/2/Vol VII)**

19.2. Il-Kunsillier J. Attard għarraf li n-numru ta’ persuni li qed jagħmlu użu mit-trasport nhar ta’ Ħamis qed ikun baxx mqabbel ma’ dak ta’ nhar ta’ Tlieta. Huwa qal li dan jista’ ikun affettwat minn attivitajiet simili organizzati mill-parroċċa fl-istess jum. Jista’ ukoll ikun li hemm persuni li jużaw

is-siġġu tar-roti li qiegħdin jibqħu, lura peress li l-mezz illi qed jintuża m'għandux il-faċilità li jgħabbi siġġijiet tar-roti.

19.3. Kien hemm qbil li għandha tiġi mistħarrġa l-possibilità li minflok il-Ħamis, it-trasport jiġi pprovdut il-Ġimgħa, kif ukoll li minflok *minibus* normali, tintuża waħda li jkollha *tail lift*. Il-Kunsill qabel li dan il-fattur għandu jittieħed in konsiderazzjoni meta' ssir sejħa oħra għall-istimi.

19.4. Is-Sur J. Attard ippropona wkoll li l-Kunsill jitlob għal servizz ta' tindif tal-ħġieġ taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum.

19.5. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-10.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 14 ta' Ġunju 2016 fis-7.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**